# Disinji u poeżiji



Oliver Friggieri

Minn ġimgħa għal oħra, b'inizjattiva ta' Joe Mikallef, dawn iż-żewġ paġni jimtlew bil-fehmiet tiegħi dwar diversi aspetti. F'sensiela ta' konversazzjonijiet, li issa ilhom jidhru numru ta' snin, nittama li dawn il-paġni messu l-qalb u l-moħħ ta' ħafna.

Bil-kunsens ta' Joe Mikallef, għall-Milied, qiegħed nippreżenta żewġ paġni differenti: minflok tweġibiet nixtieq nippreżenta sett ta' disinji sempliċi tiegħi, li nittama li jissuġġerixxu huma wkoll mistoqsija u tweġiba. Magħhom qiegħed ninkludi wkoll siltiet minn poeziji tiegħi (mill-ktieb Il-Poeziji Miġbura, maħruġ mill-Klabb Kotba Maltin).

Nittama li din l-għażla, minn disinji sa poeżiji tiegħi, tesprimi l-qima sħiħa tiegħi għal Sidna Ġesù Kristu, Alla u bniedem, kif ukoll il-konvinzjoni li l-istorja Tiegħu, paradossali, hi t-tweġiba li kull qalb tistenna quddiem kull mistoqsija.

**Oliver Friggieri**



1

**Disinn numru 1:** L-imqades il-qodma ta' Malta huma diġà knisja, post ta' qima fejn l-ewwel Maltin fittxu t-tifsira ta' ħajjithom u kkonkludew li t-tweġiba hi misteru.

**Disinn numru 2**: Sa minn twelidu Kristu kien imfittex għall-mewt. Il-ħarba lejn l-Eġittu tindika sa minn kmieni li din kienet tarbija speċjali. Bejn Erodi u Pilatu hemm kundanna waħda. Fin-nieqa hemm diġà d-dell tas-salib.

**Disinn numru 3:** It-tarbija li kibret hi l-adult li fi ftit snin kien mess il-qofol, u sal-punt li kien ikkundannat għall-mewt. Il-qatriet m'humiex demm imma dmugħ. Kristu hu mweġġa' anki għaliex tħalla waħdu.

**Disinn numru 4, 5 u 6:** il-kliem ta' Kristu maż-żmien sar anki kultura, u biddel il-modi tal-għajxien. Fil-ħemda tan-Natura l-moħħ jintebaħ li fin-Natura hemm il-muftieħ tas-sens. Is-silenzju jitpinġa wkoll, bħala l-unika lingwa sħiħa, li tifhimha biss il-qalb, lil hinn mir-raġuni, il-limitu.

**Disinn numru 7**: kollox jinġabar fil-paradoss. Is-salib tal-qerda kellu jitbiddel fis-siġra tal-ħajja. Ħajja u Mewt, kruċifissjoni u qawmien: il-proġett mibdi fil-Milied issa kien daħal fl-istorja tal-bniedem biex jidher bħala kontradizzjoni. Il-Milied, ferħ jew niket? It-tnejn flimkien, u b'hekk setgħet tiqliel il-gwerra ta' dejjem: bejn id-dubju u ċ-ċertezza. Quddiem benniena daqskemm quddiem salib, - dejjem mistoqsija waħda: nemmen, ma nemminx. Il-Milied għallinqas jimponi l-ewwel ċertezza: fl-għar ta' Betlem hemm biss il-preferenza taż-żgħar, li lkoll għandhom demgħa li ilha sa mill-bidu, u ma hi se tinxef qatt. Mela l-fidi ma hix għerf, imma hi umiltà. F'idejk nerħi ruħi... Il-Milied mela hu tassew festa ta' ferħ, u jrid ikun ferħ tat-tfal. Forsi din kienet it-talba tar-rgħajja ta' Betlem u tal-imrieħel tagħhom.



2

## Invit għall-festa tal-Milied

Il-Feddej tal-art u s-sema
Li ħalaqna lkoll mix-xej'
Jieħu ħsiebna fil-ġurnata
U jwennisna tul il-lej'.

Hu raddilna n-nifs fil-bidu,
Hu jagħtina n-nifs illum.
Hu jiftħilna t-triq biex nimxu
Bla tfixkil sal-aħħar jum.

Il-bibien ta' daru nfetħu,
U miftuħa qalbu wkoll.
Nersqu 'l ġewwa għaliex refgħalna
Post sabiħ għalina lkoll.

Nistednuk li terġa' tinżel
Tgħammar fostna fuq din l-art,
U jinbidel f'hena n-niket,
U jinbidel f'saħħa l-mard.





3



7

## Talba lill-bambin

Aħna nħarsu lejn is-sema
U naraw is-sħab għaddej,
Aħna nilmħu s-siġar jikbru
U nistaqsu x'ġara w x'ġej.

U jgħaġġibna d-dawl inemnem
Ta' kull qamar fl-għaxijiet,
U nissaħħru meta l-kwiekeb
Jiżfnu magħna f'saltna skiet.

Meta l-ħemda sewda tinżel
Fis-sigħat ta' lejl għajjien,
Ħarstek tixref tiddi fuqna
Bħal fuq Betlem, kullimkien.

Wiċċek jiftaħ fi tbissima
Meta tfur bil-ferħ dil-qalb.
Wiċċek jibki meta tisma'
Dat-tnehid magħsur mit-talb.

Ma nafux dal-jum kif sebaħ,
Ma nafux wasalx il-lej',
Ma nafux dil-ħolma tagħna
Hix se ddub fix-xejn għalxej'.

U nistaqsu lir-rebbiegħa
Meta l-ħajja terġa' tqum,
U nistaqsu lill-irwiefen
Din ix-xitwa kemm se ddum.

Meta naħsbu b'dal-moħħ dgħajjef,
Meta nfittxu b'dawn l-idejn,
Meta nħarsu biex insibu,
Meta naqgħu b'dar-riġlejn,

Meta nsaqsu 'x-xemx u 'l-qamar
U lill-ibħra u lill-għoljiet,
U nittallbu kelma waħda
Biex jinkiser dan is-skiet,

Arġ'għid kelma, l-istess kelma,
Biex dan l-ilma jsir inbid,
U dad-dmugħ f'għajnejna jinxef.
Hekk isir jekk Inti trid!



4



5



6

## Bambin ta' dejjem

Ma kontx, Bambin, fin-nieqa ta' twelidek,
Qed tara wkoll lill-Golgota minn kmieni?
Fuq Betlem dehret kewkba w kienet tnixxi
Minn kmieni d-demm, u d-demm snin wara ġera
Ma' ġismek mifni, u qattar sa fuq l-għolja
Li refgħet lis-salib, li llum hemm għadu,
Biex kull min jitla' ħdejk bil-ġrieħi tiegħu
Jimtedd hu wkoll maġenbek fuq salibu,
U minn hemm fuq jistenna l-mewt u l-qawma,
Elfejn sen'ilu, illum, u elf sen'oħra!

Kristu li bdejt tissallab fuq maxtura,
Imkeċċi fi twelidek, maħrub, mhedded,
Imfaħħar u mibgħud, - dal-Milied Tiegħek
Ma jferraħniex ħlief b'ħafna dmugħ f'għajnejna.
Imxejtha waħdek it-triq iebsa kollha
U Int u tiela' l-Golgota ħsibt f'Betlem,
U rġajt ftakart li t-tnejn jixxiebhu f'kollox.
Sa llum ukoll, minn hawn, għadek tinstema'
Titniehed f'agunija t'elfejn sena,
Ħaj dejjem u bla kliem, dejjem imsallab.

Int tirkeb fuq iż-żmien, u s-sekli jgħaddu
Minn taħt għajnejk. Int tibqa' ġdid bħal dejjem,
Bambin li ma jixjieħx, bħall-Milied Tiegħek...
U xorta t-tliet imsiemer hemm ħallejthom,
Iqattru d-demm biex din il-fidwa tkompli.
Għaliex ma taqlagħhomx war'elfejn sena?

Minn mindu skitt, kull kelma Tiegħek tidwi
Biex tiġbor fiha s-sens li jfisser kollox,
Elfejn sen'ilu, illum, u elf sen'oħra.
Bambin li ma tixjieħx, Bambin ta' dejjem1